**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Nicholas Vella**

**Vs**

**Zachary Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Zachary Vella, ta' 19-il sena, iben Francis u Lucrezia nee' Dowling, imwieled il-Pieta' nhar is-7 ta' Lulju, 1993, u residenti gewwa l-fond 8, Triq ta' fuq il-Widien, Mellieha, u detentur tal-karta tal-identata' bin-numru 302193M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn il-lejl tal-31 ta' Dicembru, 2012 u l-1 ta' Jannar, 2013 gewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Rhys Ellul Sullivan hekk kif iccertifikat mid-dentist Dr. Christian Satariano.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed jattendi attivita' tal-ahhar tas-sena fil-Wardija, gewwa stabbiliment kummercjali. Jirrisulta li nqala' incident bejnu u l-parti leza, Rhys Ellul Sullivan, fejn dan tal-ahhar sofra griehi gravi billi tilef uhud minn snienu. Il-Pulizija ghalhekk ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u ressqet lil Vella li kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Ellul Sullivan.

Mill-provi prodotti rrisulta li kemm Vella kif ukoll Ellul Sullivan kienu fl-istabbiliment maghruf bhala 'Castello Dei Baroni' fil-Wardija, jiccelebraw l-ahhar tas-sena u l-bidu ta' sena gdida, bhal ma jaghmel kwazi kulhadd mad-dinja kollha. Waqt din l-attivita', Vella u Ellul Sullivan gew fl-idejn. Dwar ir-raguni ghalfejn it-tnejn spiccaw fi glieda, hemm verzjonijiet differenti. Il-parti leza jghid li hu gie aggredit mill-imputat u zewg persuni ohra minghajr ebda raguni, u spicca bi ksur fi snienu tant li kellu jaghmel interventi kirurgici ma' dentist. Di fatti xehed Christopher Satariano, id-dentist li kkurah, li spjega xi ksur kellu Ellul Sullivan u x'kellu jsir biex jerga' jigi lura ghal li kien. Il-Qorti rat ir-rapport esebit minnu li jindika l-griehi u l-kura li setghet tinghata. L-imputat, min-naha tieghu, xehed u qal li ghalkemm hu minnu li hu ta daqqa lil Ellul Sullivan, dan ghamlu ghax habib tieghu kien qed jigi aggredit minn dan Ellul Sullivan, u l-imputat dahal fin-nofs biex jaqbez ghall-habib tieghu. Id-difiza fil-fatt ipproduciet numru ta' xhieda li qalu li Ellul Sullivan kien qed igib ruhu hazin u kien qed jimbotta lin-nies ghal gol-hamrija fil-gnien tal-'Castello'.

Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi x-xiehda ta' Rhys Ellul Sullivan, li spjega l-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident. Xehed certu Sandro Pace Bonello, l-gharus ta' oht Ellul Sullivan, li qal li nhar l-ewwel tas-sena tal-2013 ra lil hu t-tfajla tieghu bi griehi f'wiccu u hadu ghand dentist habib tieghu, Dr Chris Satariano, biex jipprova jsalvalu s-sinna l-miksura. Xehdet l-Ispettur Jessica Grima flimkien ma' ufficjali tal-Pulizija ohra li nvestigaw il-kaz. Xehed ukoll certu Ryan Ellul, habib ta' Ellul Sullivan, li rah qed jigi aggredit minn tlieta min-nies li, izda, ma setax jaghraf lil hadd minnhom. Xehed id-dentist, Dr Chris Satariano, li spjega l-interventi li kellu jaghmel biex ifejjaq lil Ellul Sullivan, li izda spicca biex tilef zewg snien ta' quddiem tieghu. Xehed missier Rhys, Andrew Ellul Sullivan, u spjega kif nhar l-ewwel tas-sena induna biss ghall-habta ta' nofsinhar li t-tifel tieghu kien wegga' wiccu, u wara li pprova jsib dentist sabiex jikkurah, cempel lil Sandro Pace Bonellu u marru ghand Dr Satariano. Fost id-dokumenti esebiti hemm l-istqarrija tal-imputat datata 24 ta' Jannar, 2013, u l-istima tal-ispejjez medici tad-dentist, datata 1 ta' Jannar 2013. Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-27 ta' Gunju, 2013.

Id-difiza ressqet diversi xhieda. L-ewwel xehdu Rhys Ellul Sullivan, missieru, u l-Ispettur Grima in kontro-ezami. Xehed l-imputat, li spjega kif gara l-incident. Qal li Rhys kien fis-sakra u qed ighajjat man-nies ta' madwaru, u f'hin minnhom imbotta lil certu Daniel Pace, li Vella

qal li kien jafu mill-iskola, ghal gol-hamrija fejn kien hemm cactus u dan Pace wegga'. Ghalhekk Vella qam u pprova jwaqqaf lil Ellul Sullivan, izda meta ra li dan ma ried jikkalma b'xejn, anzi li kien ser ixejjirlu daqqa ta' ponn, Vella qabad u tah daqqa qablu. Xehed Daniel Pace, li spjega kif Ellul Sullivan kien qed jiggieled ma' xi nies ohra, imbaghad dar ghal fuqu uw imbottah ghal go cactus, li minhabba f'hekk intilef minn sensih, u l-ghada mar il-Polyclinic u l-Isptar ghal ugigh f'idejh. Ma ghamilx rapport lill-Pulizija dwar din l-aggressjoni u dawn il-griehi. Xehdet Dr Mary Vella li kkonfermat li Daniel Pace kien mar fi polyclinic ghal ugigh f'idejh, u wara kien gie riferut Mater Dei. Hi esebiet ic-certifikati medici relattivi.

Xehdu wkoll Luke Falzon u Gianluca Portelli, li qalu li Ellul Sullivan kien jidher fis-sakra w jghajjat ma' xi persuni, u hin minnhom aggredixxa lil Daniel Pace u mmbuttah f'cactus. Dak il-hin intervjena Vella li ukoll gie aggredit minn Ellul Sullivan, izda Vella lahaq tah daqqa ta' ponn u waqqghu mal-art. Gie prodott ukoll rappresentant tal-Malta Football Association biex jixhed dwar x'passi dixxiplinari qatt ittiehdu fil-konfront ta' Ellul Sullivan f'loghob tal-football. Ix-xhud qal li Ellul Sullivan qala' zewg karti sofor, wahda fit-12 ta' Mejju, 2013, u ohra fit-8 ta' Ottubru, 2013, id-darbtejn wara l-incident de quo. Xehdet ukoll rappresentanti tal-Isptar St James dwar intervent li kien sar f'imnieher Ellul Sullivan fl-14 ta' Jannar 2011, jigifieri sentejn qabel l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Xehdet ukoll rappresentanti tal-Isptar Mater Dei li xehdet dwar il-kura li kienet inghatat lil Ellul Sullivan meta dan iddahhal l-emergenza fil-4 ta' Dicembru 2011 wara li qala' daqqiet waqt glieda. Giet riprodotta l-Ispettur Jessica Abela li esebiet kopja tar-rapport tal-okkorrenza dwar l-incident li kien sehh fit-3 ta' Dicembru, 2011, li b'risultat tieghu Ellul Sullivan mar l-isptar Mater Dei.

Id-difiza tellghet lill-professur Hector Galea bhala espert *ex parte*, li qal li hu ma ezaminax lil Ellul Sullivan izda ezamina r-radjografiji tieghu u l-files medici dwar l-interventi li kienu saru fl-isptar St James u Mater Dei f'Jannar u Dicembru 2011. Dan ix-xhud intalab jaghti opinjoni ibbazata fuq l-interventi li saru lil Ellul Sullivan qabel l-incident mertu ta' din il-kawza, izda peress illi intalghab jaghti opinjoni, ghalhekk ix-xiehda tieghu ma setghetx tkun konklussiva. Id-difiza ghalhekk talbet li jinhatar espert biex jezamina lil Ellul Sullivan u l-istorja medika tieghu, sabiex jiddetermina jekk iz-zewg interventi li saru fl-2011 setghux kellhom effett fuq snienu qabel l-incident ta' lejlet l-ewwel tas-sena. Il-Qorti hatret lil Paschal Demajo bhala espert dentist, li ppresenta rapport fejn qal li z-zewg sinniet mitlufa minn Ellul Sullivan intilfu biss minhabba fid-daqqa li kien qala' fl-incident in kwistjoni. L-incident ta' sena qabel ma jindika ebda frattura fil-wicc, izda jindika biss daqqiet fejn l-ghajn. Id-difiza hawnhekk ghalqet il-provi taghha.

Il-provi prodotti miz-zewg nahat jindikaw li effettivament kien Vella li ta d-daqqa lil Ellul Sullivan. Dan mhu kontradett minn hadd. Il-Qorti trid tara biss jekk l-incident kienx verament ipprovokat minn Ellul Sullivan stess, jekk din id-daqqa kienetx in proporzjon ma' din il-provokazzjoni, u jekk il-ferita sofferta minnu kienetx wahda gravi jew le. Rigward in-natura tal-ferita, ma hemm l-ebda dubju li din hija wahda gravi, anke ghax setghet iggib maghha hsara permanenti fil-gisem ta' Ellul Sullivan. Di fatti, anke illum erba' snin wara l-incident, ghadu ma fieqx kompletament mill-effetti ta' dak l-incident. Rigward il-provokazzjoni o

meno ta’ Ellul Sullivan ghall-incident kollu, il-Qorti ma taqbel xejn mal-verzjoni moghtija mid-difiza. Kienet verzjoni fotokopja li taw ix-xhieda tad-difiza. Apparti minn hekk, Daniel Pace, li suppost gie mbuttat go pjanta tal-cactus, ma kellu ebda abrazjoni fuqu, la fuq idejh, jew fuq saqajh, jew fuq dahru. Hu dahal l-isptar minhabba ugigh fil-polztal-lemin u fid-driegh tax-xellug. Il-Qorti hija aktar propensa temmen lill-vittma f’dan il-kaz. Izda anke, ghall-grazzja tal-argument, jekk jinghad li Vella kellu jintervjeni biex jiddenendi lill-habib tieghu, huwa ovvju li l-azzjoni ta’ Vella, minn wahda ta’ difiza, saret wahda ta’ aggressjoni, u l-effet taghha kien lil’hinn mill-proporzjon ta’ dak li seta’ kien necessarju, jekk verament Ellul Sullivan kien qed jimbotta lil xi persuni ohra, haga li l-Qorti difficilment temmen li grat verament.

Ghalhekk il-Qorti ser issib lill-imputat Zachary Vella hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u bhala piena sejra taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza, flimkien ma’ ordni ta’ hlas ta’ spejjez lil Ellul Sullivan bhala danni sofferti minnu, u dan minghajr pregudizzju ghall-proceduri civili li gia’ hemm pendenti bejn iz-zewg partijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 214 u 216(1)(a)(ii), (iii), (b) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghall-piena ta’ disa’ xhur prigunerija sospizi ghal tlitt snin ai termini tal-Art. 28A tal-Kap 9.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta €3,670 lil Rhys Ellul Sullivan fi zmien sitt xhur, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**